**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Therese Sciberras)**
**(Supretendent Maurice Curmi)**

**Vs**

**Carmel Deguara**
**Martin Deguara**
**Brian Micallef**
**Emanuel Micallef**
**Antoine Mallia**
**Omissis 1**
**Omissis 2**

Illum 13 ta' Frar 2019

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Carmel Deguara**detentur ta' karta tal-identita' 373747(M), l-imputat **Martin Deguara** ta' 53 sena, detentur ta' karta tal-identita' 601655 (M), l-imputat **Brian Micallef**, detentur ta' karta tal-identita' 511178(M), l-

imputat **Emanuel Micallef**, 632148(M), l-imputat **Antoine Mallia**, detentur ta' karta tal-identita 380272(M), l-imputat **Omissis 1** u l-imputat **Omissis 2**

1. Nakkuzakhom kollha talli fis-26 ta' Novembru, 2007 ghal habta tal-11:00 am f'bini li kien fi stat ta' kostruzzjoni sitwat fi Triq it-Tamar, Qawra b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila u arti fil-professjoni taghhkom ikkagunajtu l-mewt ta' James Aquilina mis-Siggiewi u dan ai termini tal-Art. 225 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Fil-waqt li nakkuza lill Charles Deguara, Martin Deguara, Brian Micallef u Emmanuel Micallef wahdhom talli fil-kapacita' taghhom ta' diretturi tal-kumpanija Devlands Limited u Antoine Mallia wahdu talli fil-kapacita' tieghu ta' foreman fl-istess kumpanija fl-istess data u/jew fix-xhur ta' qabel, hin, lok u cirkostanzi nqastu milli tharsu s-Sahha u Sigurta' ta' l-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistghu jigu affetwati bix-xoghol, li jkun qed isir u dan billi nqastu milli tiehdu l-passi necessarji kollha sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol u dan ai termini ta' l-artikoli 6 (l)(2) ta' l-att 27/2000 Kap 424.

3. Fil-waqt li nakkuza lil Charles Deguara, Martin Deguara, Brian Micallef u Emmanuel Micallef biss talli fil-kapacita' taghhom ta' diretturi tal-kumpanija Devlands Limited fl-istess data u/jew fix-xhur ta' qabel, hin, lok u cirkostanzi nqastu bhala persuni li thaddmu, u ta' kull persuna li tahdem ghal rasha, talli nqastu li taghmlu, jew li tizguraw li ssir, evalwazzjoni xierqa, sufficenti u sistematika tal-perikli ghas-sahha u s-sigurta' kollha li jistghu jkunu prezenti fuq il-post tax-xoghol u r-riskji li jirrizultaw li jikkoncernaw l-aspetti kollha tal-attivita' tax-xoghol. Dawn l-evalwazzjonijiet ghandhom jikkunsidraw ir-riskji ghas-sahha u s-sigurta' tal-haddiema u tal-persuni li jahdmu ghal rashom li ghalihom ikunu esposti waqt ix-xoghol, inkluz dawk li jzuru l-post tax-xoghol, liema riskji jirrizultaw mix-xoghol imwettaq, jew in konnessjoni mieghu, jew mit-tmexxija tal-impriza u dan ai termini ta' l-artikolu 10(1) ta' l-A.L. 36/03.

4. Fil-waqt li nakkuza lil Charles Deguara, Martin Deguara, Brian Micallef u Emmanuel Micallef fil-kapacita' taghhom ta' diretturi tal-kumpanija Devlands Limited u Antoine Mallia fil-kapacita' tieghu ta' foreman fl-istess kumpanija fl-istess data, u/jew fix-xhur ta' qabel, hin, lok u cirkostanzi talli nqastu li tiehdu l-mizura necessarji sabiex waqghat mill-gholi ikunu fizikament evitati partikolarment permezz ta' bennieni solidi li jkunu gholjin bizzejjed u jkollhom ta' l-anqas bord tat-tarf, poggaman ewlieni u poggaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Inqastu wkoll li tizguraw li x-xoghol fl-gholi jitwettaq biss b'apparat specjali jew bl-uzu ta' l-apparat ta' protezzjoni kollettiv bhal ma huma l-bennieni, il-pjattaformi jew ix-xbieki tas-sigurta'. Fejn l-uzu ta' tali apparat ma jkunx possibli minhabba n-natura tax-xoghol, ghandhom ikunu pprovduti u ghandhom jintuzaw mezzi adatti ta' l-access u arnessi ta' sigurta' jew metodi ta' ankragg ohra ta' sigurta'. Inqastu wkoll li tizguraw li poggamani ta' protezzjoni jitpoggew madwar trombi u turgien u dan ai termini ta' Reg. 5 ta' l-Iskeda IV (parti B) ta' l-A.L.281/2004.

5. Fil-waqt li nakkuza lill Charles Deguara, Martin Deguara, Brian Micallef u Emmanuel Micallef fil-kapacita' taghhom ta' diretturi tal-kumpanija Devlands Limited u Antoine Mallia fil-kapacita' tieghu ta' foreman fl-istess kumpanija fl-istess data, u/jew fix-xhur ta' qabel, hin, lok u cirkostanzi talli nqastu li tizguraw li s-sit tal-kostruzzjoni jinzamm tajjeb u fi stat ta' ndafa sodisfacenti u dan ai termini ta' l-artikolu 7 (a) ta' l-A.L. 281/2004.

6. Nakkuza lill Omissis 1 fil-kapacita' tieghu ta' direttur ta' Santa Cecilia Co. Ltd. u Omissis 2 fil-kapacita' tieghu ta' direttur ta' Camland Limited wahedhom talli fl-istess data u/jew fix-xhur ta' qabel, fl-istess hin, lok u cirkostanzi nqastu milli tahtru supervisor ghall-progett ghall-istadju tad-disinn u supervisor tal-progett ghall-istadju ta1-kostruzzjoni u dan ai termini ta' l-artikolu 3 (l) ta' A.L. 281/2004.

7. Nakkuza lill Omissis 1 fil-kapacita' tieghu ta' direttur ta' Santa Cecilia Co. Ltd. u Omissis 2 fil-kapacita' tieghu ta' direttur ta'

Camland Limited wahedhom talli fl-istess data u/jew fix-xhur ta' qabel, hin, lok u cirkostanzi nqastu illi tikkomunikaw awiz bil-quddiem lill-Awtorita' ta' l-anqas erba' gimghat kalendarji qabel ma jibda x-xoghol. Ghaldaclstant, nqastu milli galadarba jibda xi attivita' ta' xoghol fuq il-progett, kopja tal-avviz bil-quddiem ghandha tkun esposta b'mod car fuq is-sit tal-kostruzzjoni u jekk ikun hemm bzonn din ghandha tkun aggornata perjodikament u dan ai termini tal-artikolu 4 (1) ta' A.L. 281/2004.

8. Nakkuza lill Omissis 1 fil-kapacita' tieghu ta' direttur ta' Santra Cecilia Co. Ltd u Omissis 2 fil-kapacita' tieghu ta' direttura ta' Camland Limited wahdhom talli fl-istess data u/jew fix-xhur ta' qabel, hin, lok u cirkostanzi nqastu milli zzommu files dwar sahha u sigura' u koll infomazzjoni ohra relevant dwar is-sahha u s-sigurta', u tqieghduhom ghad-disposzzjoni ta' kull min ikun irid jispezzjonhom u li jkun jenhtieg l-informazzjoni mill-file biex ihares kull obligazzjoni li tohrog mil-ligi u dan ai termini tal-artikolu 3 (2) ta' A.L. 281/2004.

9. Illi Martin Deguara, Emanuel Micallef, Omissis 1 u Omissis 2 huma recedivi b'diversi sentenzi mghotija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi huma definittivi.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi hekk trattat.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-noti ta' ossevazzjonijiet.

Semghet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

**Ikkunsidrat**

Illi dan il-kaz jitratta incident li gara fuq il-post tax-xoghol, fuq sit ta' kostruzzjoni, nhar is-26 ta' Novembru 2007 meta James Aquilina waqt li kien qieghed jahdem waqa' minn gholi u miet.

**L-Ispettur Therese Sciberras**[1] xehdet li ghall-habta tal-11:30a.m l-ghassa tal-Qawra rceviet telefonata mill-*control room* tad-depot fejn gew infurmati li kien hemm ragel li waqa' waqt li kien f'sit ta' kostruzzjoni fi Triq it-Tamar, San Pawl il-Bahar u miet. Il-pulizija tad-distrett marru fuq il-post u minn investigazzjoni rrizulta li f'dan is-sit ta' kostruzzjoni kien hemm numru ta' appartamenti ,kien hemm madwar seba' (7) sulari u kien hemm ukoll zewg sulari garaxxijiet li kienu taht l-art. Meta waslu fuq il-post sabu diversi haddiema liema haddiema qalu li kienu qed jaghmlu shutter minn ammont ta' injam u waqt li kienu qed ipoggu dan is-shutter wiehed mill-haddiema, James Aquilina, kien qieghed miexi lura u ma sabx dan is-shutter u waqa' gos-shaft isfel nett ossija madwar disa' sulari. Certu Josef Taliana kien prezenti waqt l-incident. Fuq il-post marru l-haddiema tal-Protezzjoni Civili u personnel mill-Mosta Health Centre u health and safety department. Infethet ukoll inkjesta Magisterjali fejn gew nominati diversi esperti.

**Dr Claudette Fenech**[2] ipprezentat Memorandum and Articles tal-kumpanija Devlands Limited fis-26 ta' Novembru 2007[3]. Minn tali dokument jirrizulta li l-erba' diretturi kienu Carmel Deguara, Martin Deguara, Joseph Micallef u Emanuel Micallef.

**Jennifer Debono**[4] ipprezentat l-employment history ta' James Aquilina[5] minn fejn jirrizulta li fid-data tal-incident huwa kien impjegat bhala construction shutter ma' Devlands Ltd fuq bazi full-time u dan sa mit-12 ta' Novembru 2007.

**David Saliba**[6]**,** in rapprezentanza tal-OHSA, esebixxa sett ta' 28 ritratt[7] li l-awtorita' hadet in konnessjoni mal-kaz. Huwa spjega li flimkien ma' zewg ufficjali ohra, Charles Micallef u Melhino Mercieca, kienu accedew fil-binja taht kostruzzjoni sitwata fi Triq it-

---

[1] seduta tal-24 ta' Gunju 2009

[2] Seduta tat-23 ta' Settembru 2009, mill-MFSA

[3] Dok CF1 a fol 58 tal-process.

[4] Seduta tat-23 ta' Settembru 2009, in rapprezentanza tal-ETC

[5] Dok JD

[6] Seduta tat-8 ta' Marzzu 2010

[7] Dok DS

Tamar, Bugibba u dan wara rapport li haddiem waqa' diversi sulari u spicca go shaft tal-lift u miet. Mal-wasla taghhom seta' jigi nnutat li l-binja kienet konsistenti f'diversi sulari nkluz garaxxijiet. Il-haddiem kien mejjet fuq il-post. Ix-xhud spjega li qabel ma' marru fuq il-post, ghamlu ricerka biex jivverifikaw jekk hemmx notifiki ai termini tal-artiklu 281 tat-2004 u jekk kienx hemm *project supervisor.* Mid-*database* tal-awtorita' ma rrizultax li l-awtorita' kienet giet notifikata. Il-haddiem li miet fuq il-post kien James Aquilina. Irrizultalhom li fl-ahhar sular, qabel ma jinbnew il-penthouses, kien se jinghata l-konkos. Huwa spjega li meta jkun se jinghata l-ahhar saqaf isir l-armar bis-shuttering tal-injam bil-gakkijiet minn taht. Tinghata x-xibka tal-konkos, jinghataw ukoll dawk li jghidulhom l-ispacers biex ix-xibka tigi mghollija aktar 'il fuq mis-shuttering tal-injam halli imbaghad ix-xibka tigi fin-nofs tal-konkos. Irrizulta li ghal xi raguni jew ohra, James Aquilina kien vicin is-shaft tal-lift, mar lura u waqa' diversi sulari.

Waqt li kienu f'din il-binja gie osservat kemm mill-ufficjali l-ohra kif ukoll minnu/ li kien hemm partijiet mit-turgien li kellhom poggaman filwaqt li ohrajn, madwar tlett sulari min-naha ta' street level, li ma kellhomx. B'poggaman irid ifisser li jkun hemm ilqugh ghall-waqghat mill-gholi. Il-lift shaft ma kellux ilqugh u fil-fatt irrizultalhom li fil-binja ma kienx hemm ilqugh fid-diversi livelli tax-xaftijiet.

Ix-xhud esebixxa *Construction Works Contract*[8], kuntratt notarili[9], Notification form[10] li giet ricevuta mill-awtorita' fil-21 ta' Dicembru 2007, il-Permess tal-MEPA u zewg ittri mibghuta mill-istess awtorita'[11].

**Melhino Mercieca[12]** xehed li huwa ufficjal fl-Awtorita' tas-Sahha u Sigurta' fis-settur tal-kostruzzjoni. Huwa spjega li kien mar fuq il-post flimkien ma' David Saliba u Charles Micallef. Qal li spezzjona l-appartament fejn kien qieghed jahdem il-mejjet u nnota diversi nuqqasijiet fosthom il-bokka tax-shaft tal-lift li rrizulta li waqa' minnha kienet bla ilqugh. Kien hemm ukoll nuqqasijiet ohra fejn kien

[8] Dok DS 1 a fol 145 et sequitur tal-process
[9] Dok DS 2 a fol 186 tal-process
[10] Dok DS3 a fol 218 tal-process u Dok DS 4 billi saru xi korrezzjonijiet
[11] Dok DS a fol 240 tal-process
[12] Seduta tat-8 ta' Marzu 2010

qieghed jahdem il-vittma billi l-gnub ta' fejn kien qieghed isir il-konkos ukoll ma kellhom l-ebda lqugh. Komplew jispezzjonaw il-binja fejn nizlu mill-parti fejn kienu qeghdin jitilghu l-haddiema fejn it-tarag ma kellu l-ebda lqugh ghal waqghat mill-gholi. Kien hemm ukoll ix-xaftijiet tal-liftijiet li wkoll ma kellhomx ilqugh kif ukoll il-gallariji. Apparti minn dan, kien hemm ukoll *housekeeping* li ma kienx tajjeb partikolarment fit-tarag fejn kien hemm diversi materjal tal-kostruzzjoni bhal gebel u injam kif ukoll *poor welfare facilities.* Ma kienx hemm post nadif fejn il-haddiema setghu jiehdu l-*break.* Sabu li ma kienx sar *risk assessment* bil-miktub u dan tenut kont ukoll tal-fatt li fid-data tal-accident kien hemm ghaxar haddiema. Kienu waqqfu x-xoghol u saret laqgha l-ghada fis-27 ta' Novembru 2007 bejn rapprezentanti tal-awtorita' u rapprezentanti tal-kumpaniji involuti. Kien gie spjegat x'kienu n-nuqqasijiet u nhargu ordnijiet biex dawn jigu ndirizzati u biex tintbaghat dokumentazzjoni lill-awtorita'. Qal ukoll li apparti li kif kien *on site* qabbad lil min jivverifika jekk kinitx dahlet notifika tas-sit ta' kostruzzjoni, huwa kkonferma personalment mad-*database* tal-awtorita' li ma kinitx saret notifika lill-istess awtorita'. Meta kien *on site* kellem lil Martin Deguara, Charles Deguara u Anthony Mallia ghan-naha tad-Devlands u lil Charles Camilleri direttur ta' Camlands u lill-Periti Brian Ebejer u Kevin Farrugia. Irrizultalu wkoll li l-mejjet kien qieghed jaghmel xoghol ta' shuttering flimkien ma' persuna ohra, Josef Taliana, izda huwa ma kellmux personalment.

**Charles Micallef**[13]**,** Occupational Health and Safety Officer mal-Awtorita' ghas-Sahha u Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol, ikkonferma li s-sett ta' ritratti ezebiti bhala Dok DS hadhom huwa fis-sit ta' kostruzzjoni mertu tal-proceduri odjerni. Ikkonferma wkoll zewg dokumenti mmarkati bhala Dok DS6 u spjega li kien harighom billi kien irrizulta li ma kienx sar risk assessment fis-sit inkwistjoni. Irrziulta wkoll li lanqas kienet saret notifika skont kif jitlob l-Avviz Legali 281/04. Ix-xhud spjega wkoll li hareg stop order lid-Diretturi ta' Camland Ltd u Devlands Ltd li permezz tieghu waqqaf ix-xogholijiet[14] datati 27 ta' Novembru 2007. Imbaghad fit-2 ta' Jannar 2008 inhareg Revocation Order bil-kundizzjoni li kellhom isiru xi

[13] Seduta tat-8 ta' Marzu 2010
[14] Dok CM1 u CM2 a fol 252 u 253 tal-process

xogholijiet rimedjali biex is-sit ikun sigur[15]. Sussegwentement fil-15 ta' Jannar 2008 id-diretturi ta' Devlands Ltd gew infurmati li l-awtorita' kienet sodisfatta bir-risk assessment u bil-mizuri li kienu indikati li kellhom jittiehdu u ghalhekk ix-xogholijiet setghu jitkomplew [16] . Ix-xhud spjega x'kienu jirraprezentaw ir-ritratti. Irrziultalu li xoghol James Aquilina kien li jarma x-shuttering u kien hemm haddiem iehor ighinu.

**Joseph Taliana**[17] xehed li fid-data tal-incident kien qieghed jahdem il-Qawra u kien dak iz-zmien impjegat ma' Devlands Limited. Qal li huwa u James kienu qed jahdmu fuq il-bejt u kienu qabdu jaghmlu l-ispacers minhabba x-xibka. Qal li kien qieghed jara lil James miexi b'lura jpoggi l-ispacers wahda wara l-ohra kif isir is-soltu, kien kokka, u x'hin ix-xhud dar biex igib l-ohrajn ghax kienu spiccawlu sema' ghajta u hares u ma rax lil James Aquilina aktar. Ghalhekk beda jghajjat lill-ohrajn u jghidilhom li James kien waqa'. Huwa qal li hadem hafna drabi flimkien ma' James. L-armar ghax-shuttering kien sar minnhom stess. Anki x-xibka tal-konkos kienet tpoggiet minnhom. Kienu qeghdin jaghmlu l-ispacers biex ighaqqdu x-xibka. James spicca gos-shaft tal-lift. Mistoqsi jekk kienx hemm ilqugh madwar is-shaft wiegeb li l-ilqugh tal-konkos ghamluh huma stess. Spjega li kien hemm tmien *plywood* fuq xulxin u wahda wahda u x'hin waqa' gie ghal daru u infaqghet bih u baqa' niezel. Kienu madwar tmien/disa' sulari. L-ilqugh li ghamlu kien intiz sabiex il-konkos ma jibqax ghaddej. Imbaghad kien hemm xi *plywoods* zejda u ghamluhom fuq l-ilqugh biex jipprotegu l-lift huma fis-sens li ghattew il-bokka. Ghamlu tmien folji fuq xulxin izda dan biss fl-ahhar sular. Meta James Aquilina waqa' huwa gie fuq il-parti fejn kien hemm plywood wahda u baqa' niezel. Ix-xhud ikkonferma li s-shaft ma kienx maghluq u l-plywood li tpogga fuq il-bokka ma kienx imsammar. Ikkonferma wkoll li poggaman mat-turgien ma kienx hemm ma' kullimkien. Inkwantu ghall-gallariji safejn jaf huwa ma' kull gallarija ghamlu l-injam.

Mistoqsi jekk fuq il-lant tax-xoghol kienx hemm xi persuna li kien ighidilhom x'iridu jaghmlu, wiegeb li kellhom foreman li kien jismu Antoine Mallia. Huwa kien ighidilhom kif kellhom jahdmu. Gieli

---

[15] Dok CM 3 a fol 254 tal-process.
[16] Dok CM 4 a fol 255 tal-process
[17] Seduta tas-26 ta' April 2010

qalilhom biex jiehdu hsieb ghas-sigurta' izda kien hemm nies ohra impjegati mal-kumpanija ghal dak ix-xoghol. Antoine Mallia kien imur fuq il-lant tax-xoghol kwazi kuljum.

In kontro-ezami kkonferma li huwa kien impjegat bhala steel fixer u shutterer. Huwa qal li ghattew il-bokka ghax kien hemm il-plywood zejjed altrimenti ma kienu jaghmlu xejn. Qal li James Aquilina kellu eghluq zmienu l-gurnata ta'qabel u kien hareg filghaxija. Ma deherx ghajjien izda kien jidher normali. Qal li d-diretturi Deguara u Micallef gieli ghajjtu maghhom ghaliex ma kienux jiehdu prekawzjonijiet inkluz safety equipment. Dejjem inghataw ingwanti u helmets u anki safety shoes. Qal li l-imputat Martin Deguara kien imur fuq il-post u kien jghajjat maghhom meta jsibhom minghajr helmets ecc. Sa anki qalilhom li jekk ma kienux se jiehdu hsieb kien anki lest li jaqtalghom mill-paga u jwahhalhom multi. Huwa kkonferma li l-kumpanija Devlands dejjem provdithom bil-materjal kollu necessarju biex jittiehdu l-prekawzjonijiet meta kienu jitolbuh.

**Charles Camilleri**[18] ikkonferma l-firma tieghu fuq il-ftehim prezentat u mmarkat bhala Dok DS1 li permezz tieghu qabbad lil Devlands Limited biex tahom ix-xogholijiet gewwa San Pawl il-Bahar.

Fis-seduta tal-1 ta' Frar 2017 huwa qal li Devlands Limited kienu waslu fuq il-livell ta' taht il-penthouse. Ikkonferma li kienu dahlu haddiema ohra fuq is-sit apparti dawk tal-kumpanija. Ikkonferma li huwa kellu impjegat mieghu individwu li kien jara li hemm in-nies fuq il-post u li kulhadd kien qieghed jaghmel xogholu. Kien aktar il-Perit li kien jiehu hsieb bejn id-diversi persuni li kienu fuq is-sit.

Illi mill-atti tal-process verbal jirrizulta s-segwenti:

**Dr Michael Sammut,** espert tossikologu, irrelata[19] li l-livell ta' alcohol fid-demm ta' James Aquilina kien ta' livell baxx ta' persuna li ma kkunsmax alcohol. Lanqas ma rrizulta li l-vittma kien ikkonsma xi drogi jew medicinali.

Mir-relazzjoni tal-**Perit Richard Aquilina** [20] jirrizultaw il-kostatazzjonijiet li l-Perit wettaq fuq il-post tal-incident u kif ukoll il-

[18] Seduta tas-16 ta' Frar 2011
[19] Dok MS fil-Process Verbal a fol 7
[20] Dok RA fil-process verbal a fol 11

konkluzjonijiet tieghu li se ssir referenza ghalihom aktar 'il quddiem. **PS 1184 Patrick Grech** wettaq xoghol ta' fotografija[21]

**L-esperti patologisti** kkonkludew li l-mewt ta' James Aquilina kienet rizultat ta' *multiple injuries following an accidental fall from a height*[22]. L-espert **Dr Mario Scerri** acceda wkoll fuq il-post ghall-ezami medikolegali fuq il-kadavru ta' James Aquilina[23].

**L-imputat Martin Deguara** xehed[24] li huwa direttur tal-kumpanija Devlands Limited. Huwa spjega li meta sehh l-accident huwa ma kienx fuq il-lant tax-xoghol izda gie infurmat permezz tat-telefown. Huwa spjega li l-kumpanija kienet giet inkarigata mis-socjeta' Camland Limited sabiex is-sit jinbena. Qal li ma kienx imur kuljum fuq is-sit billi kellu foreman li kien jiehu hsieb ix-xoghlijiet huwa u dan kien Antoine Mallia li kien jiehu hsieb li jsegwi l-pjanti u x-xogholijiet li jsiru u li l-haddiema jkollhom x'jaghmlu. Antoine Mallia kien jara l-hadid u travi u soqfa u jaghmel l-ordnijiet, biss pero' ma kienx jissupervizjona x-xoghol fuq is-sit kollu. Infatti il-kumpanija Devlands limited ma kienitx l-uniku kumpanija li kienet qeghda tahdem fuq is-sit. Kien hemm snajja ohra u nies ohra involuti. Ir-responsabilita' tal-kumpanija kienet il-bini. Ix-xhud spjega li inkwantu ghas-sigurta' tal-haddiema bhal safety shoes, safety harness din kienet tiehu hsiebhom il-kumpanija permezz tal-foreman. Huwa qal li kien hemm nies ta' snajja ohra li kienu ghaddejjin bix-xogholijiet. Kien hemm tad-dawl, ilma, kisi, madum u x'aktarx tal-aluminium. Il-Periti kienu jmorru fuq is-sit meta jkun hemm xi xogholijiet strutturali. Is-sidien kienu jmorru wkoll. Ix-xhud qal li ma kienx imur hinijiet twal fuq is-sit. Kull ma jkun hemm bzonn fuq is-sit kien jiehu hsiebha l-foreman. Huwa ma ftakarx kemm kien hemm nies jahdmu dakinhar tal-accident. In kontro-ezami qal li xoghol Antoine Mallia kien li jassigura li l-haddiema jkollhom il-materjal, li jsegwu l-pjanti waqt li jinbena x-xoghol u jghid lil haddiema x'iridu jaghmlu. Huwa kkonferma li James Aquilina kien impjegat tal-kumpanija. Qal li meta kien imur fuq il-post u kien jara xi nuqqasijiet fis-sens ta' sigurta' kien jigbed l-attenzjoni tal-haddiema. Antoine

[21] Dok PG a fol 39 tal-process verbal
[22] Dok MTC fil-process verbal a fol 13
[23] Dok MS 1 a fol 19 tal-process verbal
[24] Seduta tat-13 ta' Lulju 2011

Mallia ma kienx wahdu billi kien hemm nies ta' diversi snajja ohra. Jidhirlu li Antoine Mallia ghamel kors ta' health and safety. Qal li meta mar hu kien hemm railing mat-turgien izda ma ftakarx meta mar l-ahhar. Il-bibien kienu maghluqin. Ma kienx jaf jispjega ghalfejn meta marru r-rapprezentanti tal-awtorita' diversi sulari kienu bla poggaman u l-lift shafts ma kienux maghluqin u baqa' jinsisti li meta mar huwa kien hemm. Qal li huwa dar parti sostanzjali mill-binja. Huwa qal li fl-ahhar gimghatejn ma jafx x'kien hemm fuq il-lok izda huwa dejjem, mhux hemm biss, jigbed l-attenzjoni meta jkun hemm xi irregolarita'. Ma ftakarx jekk kienx sar risk assessment u lanqas ftakar jekk l-awtorita' talbitulhomx. Biss pero' ftakar li l-awtorita' kienet talbithom risk assessment u li dan sar.

Fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2012, **Martin Deguara** qal li dakinhar tal-incident kien ghad baqa' l-ahhar sular. Fis-sulari fejn kienu lesti kien hemm diversi kuntratturi ohra tal-aluminium, tal-madum, tat-torba, kahhala. Ir-responsabilita' mis-saqaf 'l isfel ghas-sigurta' qal li huma ma kienux qeghdin jahdmu fihom. Ma kellhomx x'jaqsmu ma' dawn is-sulari. Qal li huma ma kellhomx x'jaqsmu mal-lift shafts u x-xaftijiet l-ohra kollha. Inkwantu ghall-bokka li waqa' fiha James Aquilina x-xhud qal li kien jidhirlu li kien hemm parti sostanzjali tat-toqba maghluqa pero' kif waqa' imbuttahom. Ma kienux imwahhlin izda pogguti. In kontro-ezami kkonferma li dak il-hin tal-incident ma kienx fil-bini. Il-haddiem waqa' f'shaft ta' lift u solitament bejn sular u iehor kienu jaghmlu l-injam. Jahseb li f'dan is-sit kien hemm zmien fejn kien sar izda jahseb li kien hemm perjodu li ghadduh lil min kien qieghed jahdem warajhom u tnehhew. F'dan il-kaz kien hemm it-travetti u l-injam. Huwa pero' ma kienx tela' fuq il-bejt.

Fis-seduta tad-9 ta' Ottubru 2013, huwa qal li l-kuntrattur principali tal-binja kien Camland. Il-project management ma kienx f'idejhom.

**L-imputat Brian Micallef** xehed[25] li huwa kien direttur tal-kumpanija Devlands Ltd u li kienet il-kumpanija li kienet qeghda twettaq ix-xogholijiet. Huwa qal li kien jaf li kien hemm ix-xogholijiet ghaddejjin izda kellhom foreman on site u li kien huwa li kien jiehu hsieb il-progett fuq dak is-sit u kull meta jkun hemm bzonn xi haga kien jiehu

[25] Seduta tal-14 ta' Dicembru 2011

n-notamenti u bhala kumpanija kienet tipprovdi dak kollu li kien necessarju inkluz kwistjonijiet relatati mas-sahha u sigurta'. Huwa sar jaf bl-accident b'telefonata. In kontro-ezami qal li bhala materjal tas-sahha u sigurta' kienu jaghtu helmets, ggieget, safety shoes u kif ukoll jekk ikun hemm bzonn ta' xi injam biex jintuza' bhala poggaman. Antoine Mallia ma giex ingaggat bhala health and safety officer izda huwa kien impjegat bhala site foreman. Huwa qal li qatt ma kien mar fuq is-sit. Antoine Mallia qatt ma talbu xejn bhala materjal izda huma kienu jitkellmu bejniethom. In ri-ezami qal li ingaggaw lil Antoine Mallia wara li tkellmu mieghu, raw x'esperjenza kellu fuq xoghol ta' dan it-tip ma' kumpaniji ohra. Gie intervistat minn Martin Deguara.

**Carmel Deguara** xehed[26] li huwa direttur tad-Devlands Limited u jiehu hsieb xi progett. Huwa ma kienx involut fis-sit inkwistjoni u qatt ma mar. Bhala Bord tad-Diretturi qabbdu bhala foreman lil Antoine Mallia u kien huwa li kien qieghed jiehu hsieb il-progett. In kontro-ezami qal li Antoine Mallia qatt ma talbu affarijiet personali izda kien icempel l-ufficcju. Mistoqsi bhala bord tad-diretturi kienux jiltaqghu biex ikun hemm evalwazzjoni ta' fhiex wasal il-bini qal li huwa kien ihalli f'idejn Martin.

**Emanuel Micallef** xehed[27] li huwa direttur tad-Devlands Limited u li huwa jiehu hsieb il-makkinarju. Fuq dan il-progett ha hsieb x'kien hemm bzonn bhala ingenji. Il-progett kien f'idejn Antoine Mallia. In kontro-ezami qal li Antoine Mallia kien tqabbad fuq xoghol ta' kostruzzjoni. Huwa mar fuq il-post biss meta rrizultat xi hsara fuq xi makkinarju. Meta mar fuq il-post sab li ma kienx hemm nuqqasijiet. Huwa ma jafx jekk kienx gie ingaggat xi hadd inkarigat fuq is-sahha u sigurta'.

**Antoine Mallia** xehed[28] li llum jahdem bhala quantity surveyor. Dak iz-zmien tal-incident kien jahdem bhala architect's assistant drafstman course u dan sa mis-sena 1990. Huwa hadem ma' diversi kumpaniji. Dan ix-xoghol kien jikkonsisti billi kif jinbeda progett isir survey, jinhargu l-pjanti ezistenti u jibdew japplikaw ghal xi

[26] Seduta tal-14 ta' Dicembru 2011
[27] Seduta tal-14 ta' Dicembru 2011
[28] Seduta tat-18 ta' Ottubru 2012

alterazzjonijiet jew isir li jkun hemm bzonn ghall-progett. Kien ikun ma' arkitett. Fiz-zmien tal-incident kien jahdem mad-Devlands Limited u kien ilu impjegat maghhom madwar sitt snin u nofs qabel l-incident. Dak iz-zmien huwa kien qieghed jiehu hsieb erba' progetti. Kien jiltaqa' mal-arkitett u jigi spjegat lilu x'kien hemm bzonn isir fuq il-lant tax-xoghol bhal jinghata l-pjanti tal-istruttura u jmur fuq is-sit u jghaddihom lill-bennejja u jara x'jonqos bhala materjal, *id-daily running.* Per ezempju jekk kien ikun hemm htiega ta' bricks, xahx, concrete kien icempel lil Martin Deguara biex jibghathomlu. Spjega li kien jaghmel ukoll xi kejl min-naha tal-bennejja biex ikun jistghu jithallsu. Huwa kien idur l-erba' siti li kienu fil-Qawra, Bugibba, Hal Qormi u Santa Venera u jara li l-haddiema kollha kellhom x'jaghmlu.

Il-gurnata tieghu tax-xoghol kienet tikkonsisti filli jiltaqa' mal-perit, ighaddilu l-pjanti, jaghtih l-informazzjoni li hemm bzonn, jordna l-hadid, jiltaqa' mal-bennejja li jkunu fuq il-lant biex jispjegalhom il-pjanta. Naturalment kelli wkoll xoghol amminisrattiv fis-sens li ccempel lill-perit, jibghatlek id-drawing, tara l-emails, tordna x-xoghol u timla' sheets. Huwa qal li kien imur fuq is-sit biex jassigura li l-haddiema ghandhom il-materjal biex ikomplu jahdmu izda ma kienx jibqa' fuq is-sit. Huwa ma kienx impjegat ma' Devlands Limited bhala li kellu x'jaqsam mas-sahha u sigurta' tal-haddiema. Huwa qatt ma studja dwar dan is-suggett u meta kellu l-intervista biex jigi impjegat mal-kumpanija huwa pprezenta certifika li kellu draftsman course.

Huwa ma kienx jidhol fuq kwistjonijiet ta' sahha u sigurta'. Fuq dan il-lant tax-xoghol fejn sehh l-incident ma kienx hemmx biss Devlands Limited imma kuntratturi ohra bhal per ezempju tal-madum. Kienu jlestu sular, izarmawh u imbaghad jidhlu kuntratturi ohra bhal min jiksi, min ibajjad, madum, bdew idahhlu xahx u ramel. Ghalkemm ma kienx fuq sahha u sigurta' huwa gieli rrimarka lill-haddiema biex jaghmlu mezz li jaghlqu izda mhux l-ewwel darna li l-istess oggett kien igeghluh jaghmluh erba'/hames darbiet ghaliex sakemm imur l-ghada kien ikun inqala' minghand terzi persuni. Per ezempju l-madum kienu jghadduh anki mill-gallarijiet. Ghalhekk anki jekk il-kumpanija kienet taghmel injama din kienet tinqala' minn haddiema ohra.

Fuq is-sit inkwistjoni dakinhar tal-incident kien mar kmieni hafna. Ra li kulhadd kellu x'jaghmel fis-sens jekk il-bennej kekkhomx bzonn pjanta, li l-materjal li kien gie ordnat kien wasal. Imbaghad mar fuq sit iehor. Fil-hin tal-incident kien fuq sit iehor f'Hal Qormi. Huwa mar fis-sitta w nofs ta' filghodu u dam hemmhekk sas-seba' ta' filghodu. Fil-fatt meta sehh l-incident ircieva telefonata u mar fuq is-sit. Wara xi tlett gimghat taha x-xhieda quddiem il-Perit Richard Aquilina. Kif appena dahal il-Perit indirizzah bhala foreman u huwa iccara li huwa ma kienx jaghmel ix-xoghol kollu ta' foreman. Ix-xhud qal li huwa kien impjegat li jwettaq ix-xoghol li spjega izda mhux ghas-sahha u sigurta'. Huwa pero' ma kienx jahdem fuq is-sit. Ghadda biex jispjega xi ritratti. Inkwantu ghall-bokka minn fejn waqa' r-ragel l-injam u t-travetti fuq il-bokka huma zejda u ma kienux ghas-shuttering. Dawk kienu jintuzaw biex ighattu l-bokka. Huwa cert li dik il-bokka kellha xi travetti fiha u l-injam li nqalghu. Huwa qatt ma staqsa lill-kumpanija min kien il-health and safety officer. Kien Martin Deguara li kien ighidlu f'liema sit ried imur. Muri Dok DS3[29] hemm indikat construction supervisor u hemm Antoine Mallia huwa qal li l-firma z-zghira mhux tieghu. Id-dokument ma mlihx huwa u qal li huwa qatt ma seta' jkun site construction supervisor ghaliex hemm kien ikun hemm hafna nies li lanqas biss kien jaf min huma. Qal li ffirma u qata' u rega' ffirma. Is-sit ma kienx biss wiehed ta' kostruzzjoni izda kien hemm minn kollox.

In kontro-ezami qal li l-ewwel *notification form* dahlet ghand l-OHSA ikkancellata fuq zewg postijiet. Bil-kelma kostruzzjoni huwa jifhem li twassal il-post sa gebel u saqaf. Mistoqsi kif kienu jharsu lejh il-haddiema jekk hux bhala l-middle man tad-Declands qal li kienu jarawh bhala l-persuna biex jordna l-materjal, biex jaraw jekk fuq il-pjanti certu dettalji wasalux fuq il-lant. Huwa kien bejn il-periti u n-nies u qabel li ghalhekk huwa kien il-middle man ghall-kuntrattur f'dak li kien kostruzzjoni. Billi huwa kien jibza' mill-gholi kien jigbed l-attenzjoni tal-haddiema fejn ma kienx ikun hemm ilqugh, biss pero' kien hemm hafna kuntratturi fuq is-sit biex tiddetermina min kien nehha l-injam.

[29] Minn fol 218 sa 221 tal-process

**Owen Caruana** xehed[30] li fiz-zmien tal-incident kien jarma s-soqfa. Ftit qabel l-incident kien impjegat mad-Devlands Limited pero' fil-guranta tal-incident ma kienx fuq is-sit inkwistjoni. Qal li huwa hadem fil-basements qisu l-ewwel tlett sulari. Hade mil-basements, il-garaxxijiet u r-rampa u kienu telqu ghal certu zmien u rega' mar biex jahdem fuq zewgt sulari taht li gara l-incident. Lill-vittma iltaqa' u hadem mieghu madwar erba' darbiet. Kienu jaghmlu l-istess xogholijiet. Qal li kien naqra ferfux bhala tifel *ghax konna nghidulu perkazu kien inieghel mas-saqaf ma joqghodx ihares lejh ghax hemm il-vojt u hemm m'hemmx ilqugh.* Dejjem kien jigbidlu l-attenzjoni. Helmet u safety shoes ma kienux jezistu ghalih. Dawn kienu jigu provduti lilhom mill-kumpanija Devlands Limited. Kienu jcemplu lil tal-istore u jingabu lilhom. Fuq is-sit kien hemm persuna responsabbli mis-sahha u sigurta' fuq il-progett li kien inkarigat minn sid il-binja. Meta huwa kien jahdem is-soqfa huwa kien jaghlaq ix-xaftijiet u jtella' il-gnub. Muri r-ritratti qal li x-xaft kellu jkun maghluq izda ghal xi raguni kien infitah izda mhux min-naha taghhom. Il-kuntratturi l-ohra kienu jnizlu xi affarijiet. Ikkonferma li fuq is-sit kien hemm xogholijiet ohra ghaddejjin fil-basement. Qal li Antoine Mallia kien impjegat mad-Devlands. Kien jaghtihom il-qisien u jkejjel l-affarijiet. Huwa ma kienx involut fuq sahha u sigurta'. Biss pero' dejjem kien jishaq biex jiehdu hsieb sahhithom. Tas-sahha u sigurta' dejjem kienu jkunu hemm. Meta jkunu qed jaghmu s-saqaf itellghu l-gnub u jghattu x-xaft u inoltre' is-sular taht ikun dejjem imsaqqaf. Ukoll huwa importanti li dejjem thares 'il quddiem. Ma tistax taljena rasek u timxi b'lura. L-injam li jidher fuq pagna 139 huwa injam li kien jintalab minn Devlands Limited u li kien jinghatalhom. Fir-ritratt jidhru t-travetti u d-doga li qeghda biex taghlaq ix-xaft qabel ma jsir il-konkos u x'hin jitlesta l-konkos jitpoggew it-travetti u jerga' jinfirex l-injam fuqu u l-bennej idawwar madwaru.

In kontro-ezami x-xhud ikkonferma li dakinhar tal-incident ma kienx fuq is-sit. Il-binja nghalqet b'disa' sulari. L-ahhar li kien fuq is-sit qabel ma gara l-incident kien ghadda xahar. Qal li sax-xahar li hadem fih huwa f'kull xaft kienu qeghdin jitpoggew travetti biex jekk wiehed jaqa' ma kienx jinzel s'isfel. Mistoqsi kif jispjega li James Aquilina waqa' madwar hdax-il sular, ix-xhud qal li kien kuntrattur iehor li fetahhom zgur billi fil-basement kien ghaddej xi xoghol tal-

[30] Seduta tal-5 ta' Ottubru 2015

kisi u madum. Biss pero' huwa ma ra lil hadd inehhi l-injam izda kien biss qieghed jassumi. Ix-xaft li waqa' fih James Aquilina kien tal-lift. Mistoqsi meta kien jahdem mal-kumpanija min ghand min kien jircievi l-ordnijiet wiegeb li minghand Martin Deguara. Antoine Mallia kien imur bil-pjanti, jaghtihom il-qisien u jfassal il-qisien fejn se jkunu se jsiru l-pedamenti u tinbeda l-binja. Antoine Mallia ma kienx jissejjah foreman minnu izda kkonferma li Mallia kien jircievi struzzjonijiet minghand Devlands Limited. Ikkonferma li Mallia kien jigbdilhom l-attenzjoni biex jilbsu safety shoes u helmets ghaliex kien jibza' mill-gholi.

Muri r-ritratti tal-ahhar sular a fol 137 tal-process jidhru l-ilqugh tal-injam izda dawn iservu biex tkun taf li wasal it-tarf u biex jilqa' l-konkos. Skont ix-xhud kien hemm l-ilqugh normali tal-konkos u ghalhekk kien important li wiehed ma jimxix lura. Huwa sar jaf bl-incident billi dak il-hin kien ma' Antoine Mallia li rcieva telefonata. Huwa ma marx pero' fuq is-sit.

In ri-ezami qal li d-doga kienet tintuza fuq kwalunkwe xaft. Qal ukoll li huwa gieli ra haddiema ohra li mhux impjegati ma-kumpanija li fethu l-gallarijiet biex idahhlu t-torba jew itellghu jew inizzlu xi materjal.

**Johann Borg**[31] xehed li fiz-zmien tal-incident huwa kien manwal ma' huh. Huwa kien jaf lil James Aquilina fuq is-sit ta' kostruzzjoni f'Bugibba. Huwa kien l-ewwel wiehed li ra lil Aquilina mejjet billi sema' l-ghajjat mit-toqba tal-lift. Huwa kien fuq ftit qabel u ra lil James flimkien ma' siehbu jifirxu x-xibka jippreparawha ghas-saqaf u kienu qeghdin jifirxu xi spacers. Qal li Aquilina kien imfixkel dakinhar billi xi jumejn qabel kellu xi habta bil-karozza u kien inkwetat. Meta kien fuq ra lil James mixi b'lura u kien avzah biex joqghod attent. Qal li kien hemm sulari li kienu lesti u li jaf bic-cert li kien hemm tal-madum jahdmu fihom. Safejn jaf huwa s-sid kien qabbad lil xi persuna biex jiehu hsieb is-sahha u s-sigurta'. Jekk kien ikollhom bzonn materjal relatat mas-sigurta' kien jitolbu lil certu Vince tad-Devlands. Inkwantu ghas-sigurta' fuq il-bini, qal li fejn kienu jahdmu kienu jaghlqu imma kien hemm hafna nies tahthom. Huwa u huh kienu dejjem jaghlqu bit-travetti, injam u dokka. James Aquilina kien ilu xhur jahdem fuq is-sit. Id-dokka huwa l-plywood l-

[31] Seduta tat-23 ta' Novembru 2015

isfar li jidher fir-ritratti. Il-funzjoni taghhom kienet biex tinghalaq il-bokka tal-lift. In kontro-ezami qal li huh u huwa kienu jahdmu bil-fattura billi self-employed. Inkwantu ghar-railings tat-tarag suppost kien hemm bniedem li kien jiehu hsieb dawn l-affarijiet. Fejn kienu jahdmu huma kienu jiehdu hsieb li taghlaq biex ma jaqghux ghal isfel.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi jirrizulta s-segwenti:

- James Aquilina, impjegat tas-socjeta' Devlands Limited, miet fuq il-lant tax-xoghol fis-26 ta' Novembru 2007 meta waqa' gox-shaft tal-lift waqt li kien qieghed jahdem fuq shuttering u konsegwentement miet;

- Illi l-imputati Carmel Deguara, Martin Deguara, Brian Micallef u Emanuel Micallef kienu kollha diretturi tas-socjeta' Devlands Limited kif irrizulta mid-dokumenti ezebiti minn Dr Claudette Fenech.

- L-imputat Antoine Mallia dak iz-zmien kien impjegat mas-socjeta' Devlands Limited. Dwar f'liema kapacita' kien impjegat hemm divergenza billi huwa gie akkuzat bhala li kien jagixxi ta' foreman izda huwa jsostni li ma kienx il-kaz.

- Mill-*Construction Works Contract* [32] jirrizulta li s-sid tas-sit inkwistjoni kienet il-kumpanija Camland Ltd li min-naha taghha nkarigat lis-socjeta' Devlands Limited sabiex twettaq ix-xogholijiet ta' kostruzzjoni tal-binja inkwistjoni.

- F'dan il-ftehim gie stipulat:

*15.1 The contractor shall, throughout the execution and completion of the Works and the remedying of any defects therein*

*a) have full regard and provide adequately for the safety of all persons entitled to be or which can be expected to be upon the site including the employer's personnel but he is not to be liable to provide health and safety*

[32] A fol 53 tal-process

*measures for trade contractors and/or other people working on the project who do form part of the main contractor's personnel. The Contractor must also keep the site and the works in an orderly state appropriate for the avoidance of danger to such persons, and*

*b) comply with all current Maltese Health and safety Regulations, construction regulations and working rules, and*

*c) provide and maintain at its own cost all lights, guards, fencing, warning signs and watching, when and where necessary or required by the architect or by nay duly constituted authority, for the protection of the works or for the safety and convenience of the public or others, and*

- Infethet Inkjesta Magisterjali fejn inhatru diversi esperti.
- L-OHSA ghamlet investigazzjoni hija wkoll tramite l-ufficjali taghha David Saliba, Melhino Mercieca u Charles Micallef.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar ix-xhieda tal-imputati huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna li dak li jghid ko-akkuzat ma jista la jibbenefika u lanqas jippregudika ko-akkuzat iehor [33]. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali kellha opportunita ticcara d-differenza bejn ix-xhieda ta' komplici u x-xhieda ta' koakkuzat anke b'referenza ghal diversi sentenzi ohra mghotija mill-Qrati taghna. Dik il-Qorti qalet hekk:

> *ir-regola (kontenuta fl-Art. 639(3) imsemmi) ... tirrikjedi korroborazzjoni meta x-xhud wahdani kontra l-akkuzat ikun il-komplici, ... r-regola l-ohra (hi) li l-ko-akkuzat ma hux xhud kompetenti favur jew kontra l-ko-akkuzat l-iehor jew il-ko-akkuzati l-ohra. Din l-ahhar regola hi desunta a contrario sensu minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali, u giet kostantement applikata mill-qrati taghna, fis-sens li l-koakkuzat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkuzat iehor biss wara li l-kaz fil-konfront tieghu jkun gie definittivament deciz.* [34]

[33]Ref Il-Pulizija vs Austin Joseph Psaila et Appell Kriminali deciz 07.04.1992.

[34] Ref Il-Pulizija vs Jeremy Farrugia sentenza datata 23 ta' Mejju 2001.

Illi konformament ma' dawn il-principji din il-Qorti tista' tqies dak li jghid kull wiehed mill-imputati bhala prova fil-konfront tieghu biss u mhux fil-konfront tal-imputati l-ohra wkoll.

**Ikkunsidrat**

Illi kif gie korrettement sottopost mid-difiza ta' Antoine Mallia, ix-xhieda tal-imputati li ttiehdet fl-atti tal-inkjesta se tigi skartata u dan invista tal-fatt li ma kienx inghata d-dritt tal-assistenza tal-avukat qabel u waqt li kienet qeghda tinghata l-istess xhieda u dan meta kien evidenti li huma setghu kienu passibbli ghal proceduri kriminali tenut kont tal-posizzjoni taghhom rispettiva fil-kumpanija.

**Ikkunsidrat**

**<u>L-Ewwel Imputazzjoni</u>**

Illi l-imputati odjerni jinsabu akkuzati bi qtil involontarju ta' James Aquilina bi ksur tal-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali.

Illi biex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju jehtieg *li tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza, traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti u ordnijiet li tkun segwieta b' ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz involontarju. Ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe', illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali; kriterju dan li fil-waqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret*[35].

Illi dan il-principju huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza taghna. Il-Qorti tal-Appell Kriminali f'sentenza aktar recenti minn dik hawn fuq kwotata, wara li ghamlet referenza ghall-bran hawn fuq riprodott esprimiet ruhha hekk:

[35] Ref Pulizija vs Louis Portelli Appell Kriminali deciza 04.02.1961.

*Kif jispjega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika -- cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari -- tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.*

*"Sorgono per tal modo," ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi socjali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi....Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi (Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323).*

*Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb", "traskuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", fil-waqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". Hu appena*

*necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti il-legislatur mhux qed jirreferi biss ghal legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi ukoll ghal dawk ir-regolamenti promulgati minn enti privati (per ez., ir-regolamenti infassra minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull minn jahdem jew jidhol f'dik il-fabbrika). In fatti, kemm fil-Codice Zanardelli kif ukoll fil-Codice Rocco, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline". Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja. In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudenti jew negligenti mhux biss min jitraskura li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-hajja, izda wkoll min jitraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita'.*

*…. Jekk l-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hi negazzjoni ta' din il-virtu, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll materjali. Fiz-zewg kazijiet pero, il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta'l-intenzjoni pozittiva indiretta.*[36]

**<u>Punti sollevati minn Antoine Mallia</u>**

Illi l-imputat Antoine Mallia **fl-ewwel lok irrileva li inkwantu ghal din l-imputazzjoni huwa tharrek fil-vesti personali tieghu**, kif d'altronde' tharrku bl-istess mod l-imputati l-ohra, u dan qatt ma seta' jkun ghaliex huwa m'ghamel l-ebda azzjoni diretta li wasslet ghall-mewt ta' James Aquilina.

[36] Ref Pulizija vs Richard Grech deciza 21.03.1996.

Il-Qorti tirreferi ghal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Martin Pillow**[37]

*8. Ghar-rigward tat-tieni aggravju, il-frazi "bhala Managing Director Pillow Frames Ltd." tinsab fost iddettalji li inghataw tal-imputat bhala indikazzjoni li rresponsabilita' penali attribwita lilu hija wahda vikarja in kwantu li qieghed jigi ritenut responsabbli kriminalment ghall-eghmil ta' haddiehor u cioe' in kwantu direttur ta' socjeta' kummercjali*[38]*. Kif gja gie ritenut minn din il-Qorti diversi drabi f'cirkostanzi bhal dawn ma kien hemm ebda htiega li fic-citazzjoni jinghad espressament li huwa kien qed jigi imharrek fil-vesti tieghu ta' direttur, jew manager ecc. tal-kumpanija peress li r-responsabilita' vikarja f'kazijiet bhal dawn iggib ir-responsabilita' personali u individwali ta' dak li jkun ghan-nuqqasijiet tas-socjeta'*[39]*. F'kazijiet bhal dawn ic-citazzjoni hi gja kompluta u valida jekk issejjah biss lid-direttur jew ufficjal iehor skont il-ligi anki minghajr riferenza ghas-socjeta' in kwistjoni. Ghalhekk, l-izball fl-isem tas-socjeta' li taghha l-imputat kien direttur ma jimporta ebda konsegwenza legali fuq dak li bih gie imputat l-appellant u cioe' responsabilita' vikaria ghall-eghmil ta' socjeta' li taghha kien direttur. Iccitazzjoni, kif ripetutament ritenut minn din il-Qorti, hi semplicement avviso a comparire u hu bizzejjed li jkun fiha dettalji ta' zmien, post , hin u partikolaritajiet talimputat biex hu jkun jista' jifhem ta' xhiex qed jigi akkuzat*[40]*. Fil-kaz ta' llum ic-citazzjoni hi konformi ma' dak rikjest bl-artikolu 360(2) tal-Kodici Kriminali u d-dettal, mhux mehtieg, tas-socjeta' li taghha kien direttur l-imputat ma zzid jew tnaqqas xejn mill-validita' tad-citazzjoni. L-appellant kien jaf ben tajjeb li kienet qieghedha tigi imputata lilu responsabilita' vikaria in virtu' tal-kwalita' tieghu ta' direttur ta' socjeta' kummercjali*[41]*. Kien jaf ben tajjeb, kif jirrizulta mir-rikors tal-appell stess tieghu, ta' liema socjeta' huwa kien direttur fiz-zmien relevanti, u di fatti f'din l-istanza anki pprezenta prova li huwa -- u kien, fiz-zmien relevanti --- id-direttur uniku tas-socjeta' relevanti. Ghalhekk, dan l-aggravju wkoll qieghed jigi respint.*

---

[37] Qorti tal-Appell Kriminali deciz fit-18 ta' Novembru 2011

[38] Il-Kodici Kriminali llum jipprevedi r-responsabilita' kriminali diretta ta' korp inkorporat ghal certi reati specifici (Ara Art. 121D, 82E, 208B(3), 248E(3), 310A, 328J(1), 337H(1) tal-Kodici Kriminali).

[39] Ara Appelli Inf P v Joseph Bonnici, 26/5/1995; P v Carmel Camilleri, 5/11/2004; P v Joseph Vella

[40] Ara inter alia App Inf P v Joseph Vella, supra 2/2006

[41] Ara artikolu 13 tal-Kap 249

Fil-kaz tallum il-Qorti tqis li xorta wahda ghandu japplika l-istess ragunament. L-imputat huwa altru minn konxju li huwa tharrek fil-kapacita' tieghu ta' kariga fi hdan il-kumpanija Devlands Limited. Dan huwa evidenti anki mill-mod ta' kif tmexxiet id-difiza tieghu.

Qabel xejn, **kwistjoni ohra li trid tigi determinata hija s-sottomissjoni ta' Antoine Mallia rigward ir-rwol tieghu fi hdan il-kumpanija** u li ghalhekk huwa qatt ma messu tressaq jew altrimenti ghandu jigi liberat minhabba li huwa qatt ma kellu rwol fuq is-sahha u s-sigurta' tal-haddiema.

Illi huwa gie akkuzat fil-vesti tieghu bhala *foreman* u jsostni li huwa ma kienx jokkupa dik il-posizzjoni u fi kwalunkwe kaz anki li kieku din ma taqax taht id-definizzjoni ta' *'min ihaddem'.*

Illi huwa minnu dak sottomess minn dan l-imputat li ma ngabitx prova bhal dokument tal-ETC sabiex juri f'liema vesti Mallia kien impjegat mal-kumpanija u lanqas ma gabet l-kuntratt tal-impjieg tieghu. Dan certament kien jelimina hafna kwistjonijiet. Biss pero' fil-fehma tal-Qorti dan ma jfissirx li b'daqshekk ghandu jigi liberat, meta mill-provi ossija mix-xhieda prodotti l-Qorti tista' tasal ghax-xoghol li kien iwettaq. Fl-ewwel lok irrizulta minghajr ebda dubbju li Antoine Mallia kien impjegat mal-kumpanija Devlands Limited u dan kif ammess minnu stess fix-xhieda tieghu.

**Joseph Taliana** gie mistoqsi jekk fuq il-lant tax-xoghol kienx hemm xi persuna li kien ighidilhom x'iridu jaghmlu, wiegeb li kellhom foreman li kien jismu Antoine Mallia. Huwa kien ighidilhom kif kellhom jahdmu. Gieli qalilhom biex jiehdu hsieb ghas-sigurta' izda kien hemm nies ohra impjegati mal-kumpanija ghal dak ix-xoghol. Antoine Mallia kien imur fuq il-lant tax-xoghol kwazi kuljum.

L-istess **Antoine Mallia** xehed li huwa kien ilu impjegat mal-kumpanija madwar sitt snin u nofs qabel l-incident. Dak iz-zmien huwa kien qieghed jiehu hsieb erba' progetti. Xogholu kien jikkonsisti f'li kien jiltaqa' mal-arkitett u jigi spjegat lilu x'kien hemm bzonn isir fuq il-lant tax-xoghol bhal jinghata l-pjanti tal-istruttura u jmur fuq is-sit u jghaddihom lill-bennejja u jara x'jonqos bhala materjal, ***id-daily running***. Per ezempju jekk kien ikun hemm htiega ta' bricks, xahx, concrete kien icempel lil Martin Deguara biex jibghathomlu. Spjega li kien jaghmel ukoll xi kejl min-naha tal-

bennejja biex ikun jistghu jithallsu. Huwa kien idur l-erba′ siti u jassigura li l-haddiema kollha kellhom x′jaghmlu. Kellu wkoll xi xoghol ta′ natura amministrattiva. Huwa qal li kien imur fuq is-sit biex jassigura li l-haddiema ghandhom il-materjal biex ikomplu jahdmu izda ma kienx jibqa′ fuq is-sit. Huwa ma kienx impjegat ma′ Devlands Limited bhala li kellu x′jaqsam mas-sahha u sigurta′ tal-haddiema. Huwa qatt ma studja dwar dan is-suggett u meta kellu l-intervista biex jigi impjegat mal-kumpanija huwa pprezenta certifika li kellu draftsman course.

**Owen Caruana,** impjegat ukoll mal-kumpanija fiz-zmien tal-incident, spjega li Antoine Mallia kien imur bil-pjanti, jaghtihom il-qisien u jfassal il-qisien fejn se jkunu se jsiru l-pedamenti u tinbeda l-binja. Antoine Mallia ma kienx jissejjah foreman minnu izda kkonferma li Mallia kien jircievi struzzjonijiet minghand Devlands Limited. Ikkonferma li Mallia kien jigbdilhom l-attenzjoni biex jilbsu safety shoes u helmets ghaliex kien jibza′ mill-gholi.

Illi tenut kont ta′ dan kollu din il-Qorti m′ghandhiex dubbju li Antoine Mallia kellu x′jaqsam mad-*day to day running* tal-binja inkwistjoni. Kien huwa li jmur fuq il-lant tax-xoghol kuljum u jaghti l-istruzzjonijiet ta′ x′ried isir u li dak li kien qieghed isir kien qieghed isir sewwa. Kien huwa li jassigura li l-haddiema ghandhom il-materjal necessarju biex jahdmu u li meta dan kien jonqos kien jiehu hsieb jordnah. Inoltre′ ssibha difficli temmen li kien jinsisti mal-haddiema biex jassiguraw is-sahha u s-sigurta′ taghhom biss ghaliex kien jibza′ mill-gholi. Dan kien jaqa′ fil-mansjoni tieghu. Il-Qorti tifhem li ghalkemm kien hemm il-ligijiet, fiz-zmien tal-incident ma kinitx tinghata wisq attenzjoni ghal din il-materja. Il-Qorti tispera li aktar ma jghaddi z-zmien aktar il-haddiema u min jimpjegahom jifhmu dwar l-importanza massima tas-sahha u sigurta′ fuq il-post tax-xoghol biex jigu evitati incidenti li facilment b′attenzjoni u diligenza jistghu jigu eliminati jew imnaqqsa drastikament.

Jekk Antoine Mallia kienx jigi mghajjat foreman jew le mhux daqstant important izda dak li jghodd huwa n-natura tax-xoghol li huwa kien jizvolgi.

Referenza ssir ukoll ghad-definizzjoni tal-kliem 'min ihaddem' fil-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta *tfisser il-persuna li ghaliha jsir xoghol jew jigi moghti servizz minn haddiem jew li jkollha relazzjoni ta' xoghol ma' haddiem, u tinkludi kuntrattur jew subkuntrattur li jaghmel xoghol jew jaghti servizz jew jintrabat biex jaghmlel xi xoghol jew jaghti xi servizz.* Ghalhekk kif issottomettiet ben tajjeb il-Prosekuzzjoni, din id-definizzjoni ma hiex applikabbli biss ghad-diretturi tal-kumpanija jew ghal min ihaddem izda wkoll testendi ruhha ghal persuni ohra li ghandhom b'mod dirett jew indirett it-tmexxija tax-xogholijiet li jkunu qeghdin isiru.

Certament Antoine Mallia kien involut b'mod dirett mat-tmexxija tax-xogholijiet li kienu qeghdin isiru fil-binja inkwistjoni.

**<u>L-incident u r-responsabilita' ghall-istess</u>**

Illi stabilit dan, il-Qorti sejra f'dan l-istadju mill-provi u mill-atti tistabilixxi d-dinamika tal-akkadut. L-imputati kollha jatribwixxu l-htija tal-akkadut lill-istess vittma billi jsostnu li kien hemm a disposizzjoni tieghu injam biex titghatta l-bokka tax-xaft u li huwa ma messu qatt mexa b'lura.

Kif irrizulta mill-provi l-binja inkwistjoni kienet tikkonsisti f'binja kbira ta' diversi sulari. Ix-xoghol kien mexa sew tant li meta gara l-akkadut kien qieghed joqrob lejn l-ahhar fazi tal-kostruzzjoni tieghu. Infatti kienu tlestew il-bini ta' zewg livelli ta' garaxxijiet, u sahansitra kienu tlestu mix-xoghol tal-gebel diversi sulari tal-appartamenti. Irrziulta wkoll li f'uhud mil-livelli kienu anki dahlu haddiema ohra bhal tal-kisi, bajada, tal-madum.

Ma jirrizultax li kien inhatar *project supervisor* fil-bini ta' tali kostruzzjoni.

Dakinhar tal-incident jirrizulta li James Aquilina flimkien ma' Joseph Taliana kienu qeghdin jahdmu fuq shuttering fuq il-bejt biex jinghata l-konkos. Jirrizulta li l-armar tas-shuttering kien sar minnhom stess u anki x-xibka tal-konkos kienet tpoggiet minnhom. Huma kienu ghalhekk qeghdin jaghmlu l-ispacers taht ix-xibka tal-konkos. Sinifikanti hija x-xhieda ta' Joseph Taliana li proprju assista ghal dak li gara u seta' jghid ezattament x'kien qieghed isir u li hadem diversi

drabi mal-istess Aquilina. Dan ix-xhud ***qal li kien qieghed jara lil James miexi b'lura jpoggi l-ispacers wahda wara l-ohra kif isir is-soltu, kien kokka, u x'hin ix-xhud dar biex igib l-ohrajn ghax kienu spiccawlu sema' ghajta u hares u ma rax lil James aktar.***[42]

Dan ix-xhud gie mistoqsi jekk kienx hemm ilqugh madwar is-shaft u huwa wiegeb li *l-ilqugh tal-konkos ghamluh huma stess*. *Spjega li kien hemm tmien plywood fuq xulxin u wahda wahda u x'hin waqa' gie ghal daru u infaqghet bih u baqa' niezel.* Kienu madwar tmien/disa' sulari. L-ilqugh li ghamlu kien intiz sabiex il-konkos ma jibqax ghaddej. Imbaghad kien hemm xi plywoods zejda u ghamluhom fuq l-ilqugh biex jipprotegu l-lift huma fis-sens li ghattew il-bokka. Ghamlu tmien folji fuq xulxin izda dan biss fl-ahhar sular.

Fir-rapport tieghu l-Perit Richard Aquilina rrelata u kkonkluda s-segwenti:

*James Aquilina kien waqa' fil-Lift Shaft, gholi ta' seba' u ghoxrin metru u hames centimetri, (27.05m) jew tmienja u tmenin pied u disa' puzieri (88'9'') u gie fuq l-art tal-Pit. Gie osservat li madwar is-Shaft tal-Lift ma kienx hemm xi lqugh u anqas xi haga biex tghatti dan. Minn dak li gie kkonstatat, deher li James Aquilina kien mar lura u nqaleb ghal gol-Lift Shaft.*

*L-esponent jaghmel referenza ghall-kuntratt li kien sar bejn is-sid u l-kuntrattur u specifikatament ghar-raba' faccata paragrafu B2, (Duties & Power) fejn ir-responsabilita' tas-Safety kienet a karigu tal-kuntrattur.*

*Fl-opinjoni tal-esponent, kien hemm nuqqas serju dwar li ma saret l-ebda protezzjoni fuq il-Lift Shaft. Seta' sar xi mezz ta' lqugh madwaru jew setgha tghatta. Kien ikun ferm xieraq li f'kull sular isir armar biex il-lift shaft jitghatta u b'hekk xi waqa' tigi limitata ghal gholi ta' sular wiehed biss. Fix-xoghol li kien qieghed isir, ma kienx possibbli li tintuza' harness ghax l-irbit taghha kien ifixkel lill-haddiema u kien ikun ta' periklu wkoll.*

Illi l-imputati sostnew li James Aquilina kien traskurat u negligenti u l-akkadut gara purament tort tieghu. Id-diretturi tal-kumpanija sostnew li huma provdew it-taghmir kollu necessarju inkluz injam biex titghatta kull toqba, inkluz ghalhekk il-bokka tax-xaft tal-lift. Inoltre' Martin Deguara dejjem kien iwissi lill-haddiema meta kien jinduna li kien hemm xi nuqqasijiet. Ighidu wkoll li l-vittma

[42] Enfasi tal-Qorti

minhabba xi incident bil-karozza kien kemmxejn imgerfex dakinhar. Dippiu' jsostnu li l-impjegati tas-socjeta' Devlands kienu jaghlqu t-toqob sia jekk bokka tax-xaft, sia gallariji jew turgien izda kuntratturi terzi kienu jnehhuhom.

Min-naha tieghu l-imputat Antoine Mallia kompla fuq l-istess linja tad-diretturi u inoltre' saret enfasi fuq il-fatt li James Aquilina ma messux mexa b'lura huwa u jpoggi l-ispacers.

Jinghad mill-ewwel li fil-fehma tal-Qorti James Aquilina ma jahtix ghal dak li gara. L-istess Taliana li kien mieghu fil-hin tal-akkadut qal li Aquilina kien qieghed jahdem bhalma jaghmlu s-soltu u ghalhekk dak kollu asserit mill-imputati partikolarment li ppruvaw jitfghu htija fuqu ghax gurnata qabel kellu incident u seta' kien imgerfex assolutament m'ghandhix mill-veru.

Inoltre' l-fatt li l-haddiema kienu jinghataw ingwanti, helmets, safety shoes u possibilment taghmir iehor relatat mas-sahha u sigurta' taghhom certament hija haga tajba, d'altronde' ma kienu qeghdin jaghmlu xejn specjali billi dan huwa obbligu legali taghhom impost mil-ligi. Biss pero' dan ma jfissirx li adempjew mal-obbligu taghhom jew taghti lok ghal xi assunzjoni li necessarjament huma provdew ukoll il-materjal necessarju anki f'dan il-kaz.

**Joseph Taliana** gie mistoqsi jekk kienx hemm ilqugh madwar is-shaft wiegeb li l-ilqugh tal-konkos ghamluh huma stess. Spjega li kien hemm tmien *plywoods* fuq xulxin u wahda wahda u x'hin waqa' gie ghal daru u infaqghet bih u baqa' niezel. Kienu madwar tmien/disa' sulari. L-ilqugh li ghamlu kien intiz sabiex il-konkos ma jibqax ghaddej. Imbaghad kien hemm xi plywoods zejda u ghamluhom fuq l-ilqugh biex jipprotegu l-lift huma fis-sens li ghattew il-bokka. Ghamlu tmien folji fuq xulxin izda dan biss fl-ahhar sular. Meta James Aquilina waqa' huwa gie fuq il-parti fejn kien hemm plywood wahda u baqa' niezel. Ix-xhud ikkonferma li s-shaft ma kienx maghluq u l-plywood li tpogga fuq il-bokka ma kienx imsammar.

Minn dan kollu jirrizultali l-ilqugh li kien hemm kienu ghall-konkos u ghalhekk ma kienx hemm ilqugh tajbin bizzejjed ghas-sahha u sigurta' tal-haddiem. Kien obbligu tal-imputati kollha li jassiguraw li l-bokka tkun adegwatament maghluqa. Evidentement dan ma kienx il-kaz. Illi apparti li ma kien hemm l-ebda lqugh mal-gnub jirrizulta li

lanqas gewwa x-xaft ma ttiehdet prekawzjoni bhal per ezempju kull sular seta' inghalaq sabiex f'kaz ta' waqa' almenu bniedem ma jibqax niezel dwak is-sulari kollha.

Huwa evidenti li waqt il-kostruzzjoni ta' din il-binja ma kienx hemm bizzejjed supervizjoni u rapporti kontinwi u evalwazzjoni tar-riskji ta' kif kienet is-sitwazzjoni u x'seta' jsir biex ma jkunx hemm incidenti.

Ghalhekk l-imputati qeghdin jinstabu hatja ta' din l-imputazzjoni.

**<u>It-Tieni Imputazzjoni</u>**

L-imputati jinsabu akkuzati li naqsu li jiehdu l-passi necessarji sabiex jigi evitat dannu fiziku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xoghol ai termini tal-artikolu 6(1)(2) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta.

Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

*(1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem ..................*

*(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet taxxogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri -*

*(a) li jiġi evitat riskju;*

*(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*

*(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*

*(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*

*(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;*

*(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*

*(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-xogħol, l-għaħla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*

*(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku f'l-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*

*(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri it-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol.*

*Illi permezz ta' dawn id-dispozizzjonijiet l-obbligu impost fuq kull min ihaddem huwa li jizgura s-sahha u sigurta tal-persuni kollha li jistghu jigu affettwati bixxoghol li jkun qed jitwettaq ghal dik il-persuna li thaddem; huwa jrid jizgura din is-sahha u sigurta billi jiehu diversi mizuri inkuz dawk li jevita riskji, li jidentifika l-perikoli assocjati max-xoghol, u jevalwa dawk ir-riskji.*

*Illi l-fatt li jsehh incident, anke fatali, fuq il-post tax-xoghol ma jfissirx necessarjament li l-persuna li tiggestixxi dak il-post tax-xoghol m'ottemperatx ruhha ma' dak predispost fdin id-disposzizzjoni tal-Ligi*[43].

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizja vs John Magro**:[44]

*Illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni bbazata fuq l-artikolu 6 (1) tal-Kap. 424, din hi manifestament pruvata ghaliex irrizulta li ma sarx ir-risk assessment li hija wahda mill-mizuri li jridu jittiehdu minn kull employer biex jizgura li jinzammu l-livelli ta' protezzjoni tas-sahha w sigurta' skond l-art. 6 (1) (2) (a) (b) (c) (d) (e) tal-Kap. 424. Tajjeb li jigi rilevat li skond il-proviso ghas-subartikolu (1) l-obbligi tal-haddiema fil-qasam tas-sahha w sigurta' fuq il-postijiet tax-xoghol ma ghandhomx jeffettwaw il-principju tar-responsabbilta' ta' min ihaddem. Ghalhekk anki jekk jirrizulta - kif indubbjament irrizulta f' dan il-kaz- li Farrugia kien hu stess il-kagun ta' dak li gralu bil-fatt li inkonsultament ipprova jiftah plug meta*

[43] Ara sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Lawrence Saliba et** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-22 ta' Gunju 2015

[44] App. Krim. Nru 149/2008, 11 ta' Dicembru, 2008. Onor. Imhallef Dr J. Galea Debono

*kien "live", dan xorta ma jezimix lill-appellati mir-responsabillta' taghhom bhala employers minn-nuqqasijiet taghhom skond din il-ligi specjali.*

L-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Angelus Bartolo u Omissis** iddikjarat:[45]

*Illi l-artikolu 6 tal-Kap. 424 jindika x'mizuri ghandhom jittiehdu biex jigu evitati danni fizici w psikologici, korrimenti jew mewt fuq il-postijiet tax-xoghol li huma bazati fuq il-principji generali ta' prevenzjoni. Fost dawn insibu: - li jigi evitat kull riskju; l-identifikazzjoni ta' perikoli assocjati max-xoghol; l-evalwazzjoni ta' ma jistghux jigu evitati w li jittiehdu l-mizuri necessarji kollha biex jirriducu r-riskji kemm ikun ragonevolment prattiku, inkluz li jitbiddel dak li huwa perikoluz, b' dak li ma jkunx perikoluz jew li jkun anqas perikoluz .*

*Illi l-Qrati Inglizi investew il-kwistjoni ta' x' mizuri ta' prekawzjoni jridu jittiehdu taht il-Factories Act (li ghandu xi dispozizzjonijiet simili ghall-Kap.424) li jkunu "reasonably practicable" u gie ritenut li din il-frazi "seems to imply that a computation must be made by the owner, in which the quantum of risk is placed on one scale and the sacrifice involved in the measures necessary for averting the risk (whether in money, time or trouble) is placed in the other and that if it be shown that there is a gross disproportion between them – the risk being insignificant in relation to the sacrifice – the defendants discharge the onus on them. The onus of proving that it is not reasonable practical to provide a safety measure is on the person on whom the duty is imposed." **"Walter,Wilson &. Son v. Summerfield"** [1956] 1W.L.R.1429). F' **"Gibson v. British Insulated Calender's Construction Co. Ltd** [1973] S.L.T. 2 (H.L.) gie ritenut li "it is now firmly established that the burden of proof to establish that he had taken all reasonable practicable steps rests on the employer to discharge." (Ara **CHARLESWORTH** "ON NEGLIGENCE" 6th. edit. pp.1152-1153). [emfazi ta-Qorti].*

Illi fil-kaz inkwistjoni l-imputati partikolarment id-Diretturi tal-kumpanija ppruvaw jiskagunaw ruhhom billi sostnew li meta l-haddiema kienu jitolbu materjal gas-sahha u sigurta' bhal safety shoes jew helmets dawn kienu jigu provduti. Ghalkemm dan irrizulta li huwa minnu ghaliex kien hemm haddiema bhall-istess Joseph Taliana li kkonferma dan, dan wahdu ma jfissirx li skagonaw ruhhom. Apparti l-fatt li rrizulta li ma sarx risk assessment qabel ma bdew ix-xogholijiet u dan skont kif xehdu l-ufficjali tal-OHSA, irrizulta li fuq is-sit kien hemm sulari ta' turgien bla poggaman u l-bokka tax-xaft tal-lift thalliet miftuha. Inkwantu ghall-poggaman inghad li kien hemm haddiema ohra fuq is-sit u dan irrizulta verament

[45] App. Krim. Nru. 123/2006, 11 ta' Jannar, 2007. Onor. Imhallef Dr J. Galea Debono

biss pero' il-fatt li l-imputati kienu konxji li kien hemm haddiema ohra li setghu nehhew il-poggaman jew l-injam li seta' tpogga fix-xaft (ghalkemm prova ta' dan ma ngabitx) aktar kien jinkombi fuqhom li jassiguraw li l-haddiema taghhom kellhom post sigur fejn kienu qeghdin jahdmu. Ix-xhud Melhino Mercieca xehed li *Komplew jispezzjonaw il-binja fejn nizlu mill-parti fejn kienu qeghdin jitilghu l-haddiema fejn it-tarag ma kellu l-ebda lqugh ghal waqghat mill-gholi. Kien hemm ukoll ix-xaftijiet tal-liftijiet li wkoll ma kellhomx ilqugh kif ukoll il-gallariji.*

Ghalhekk l-imputati qeghdin jinstabu hatja ta' din l-imputazzjoni.

**<u>It-Tielet Imputazzjoni</u>**

Huma biss l-imputati li kienu diretturi tal-kumpanija Devlands Limited li qeghdin jigu akkuzati li ma wettqux risk assessment.

Din l-imputazzjoni tirrizulta ppruvata mix-xhieda tal-ufficjal Melhino Mercieca li kkonferma li tali assessment ma kienx sar qabel l-incident inkwistjoni. Infatti mix-xhieda ta' Charles Micallef u mid-dokumentazzjoni ezebita li diga' saret referenza ghaliha jirrizulta li r-risk assessment sar wara l-incident.

Ghalhekk anki din l-imputazzjoni giet ippruvata.

**<u>Ir-Raba' u l-Hames Imputazzjonijiet</u>**

Dawn l-imputazzjonijiet jirrigwardaw l-gholi u l-ilqugh fejn irid ikun hemm poggamani u lqugh, kif ukoll dwar l-obbligu li s-sit ta' kostruzzjoni jinzamm fi stat ta' ndafa sodisfacjenti.

Bhala stat ta' fatt kemm mix-xhieda tal-ufficjali tal-OHSA kif ukoll mir-ritratti jirrizulta li kien hemm diversi sulari f'din il-binja li kienet taht kostruzzjoni li t-turgien kienu bla poggaman u lqugh u li kien hemm ammont ta' injam mal-art.

Illi l-intimati kollha sostnew lil-haddiema taghhom dejjem hadu hsieb jaghmlu ilqugh jekk hux ghal gallariji, xaftijiet jew turgien izda kif dahlu kuntratturi ohra dawn kienu qeghdin jitnehhew minnhom. B'kull rispett huwa ferm komdu li wiehed ifarfar mir-responsabilita' tieghu billi jitfa l-htija fuq haddiehor!

Din il-Qorti tikkoncedi li huwa minnu li fis-sulari ta' isfel kienu anki dahlu jahdmu haddiema ta' snajja ohra, izda apparti l-fatt li ma ngabitx prova fuq bazi ta' probabilita' li huwa minnu dak li sostnew li kienu dawn it-terzi li kienu qeghdin inehhu l-ilqugh ecc. Biss pero' l-kumpanija Devlands limited kellha l-obbligu li tassigura li l-ligijiet kollha relatati mas-sahha u sigurta' tal-haddiem fuq is-sit tal-kostruzzjoni inkwistjoni u dan tenut kont ukoll tal-fatt li anki jekk kienu lesti mis-sulari ta' isfel izda certament il-haddiema tal-kumpanija xorta kien jehtiegilhom jaghmlu uzu mit-tarag biex jaslu sas-sulari ta' fuq. Kwindi *dato ma non concesso* dak li sostnew l-imputati kien aktar jinkombi fuqhom l-oneru li jassiguraw ruhhom li jkun hemm l-ilqugh adegwat.

**Addebitu tar-recediva**

Illi Martin Deguara u Emanuel Micallef gew akkuzati li huma recedivi izda ma gew ezebiti l-ebda sentenzi li setghu inghataw fil-konfront taghhom u ghaldaqstant se jigu liberati minn tali addebitu

**Piena**

Illi inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati, ic-cirkostanzi tal-kaz u dak dikjarat minn Dr Saliba fit-trattazzjoni tieghu li f'dan il-kaz piena karcerarja mhiex idonea u dan tenut kont li l-imputati minn dakinhar dejjem ghamlu l-almu taghhom biex josservaw l-obbligi imposti fuqhom.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti inkwantu ghall-imputati **Carmel Deguara, Martin Deguara, Brian Micallef u Emanuel Micallef** wara li rat l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, l-artikolu 6(1)(2) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 10(1) tal-Avviz Legali 36 tas-sena 2003, ir-regolament 5 tal-Iskeda IV (parti B) tal-Avviz Legali 281 tas-sena 2004 u l-artikolu 7(a) tal-Avviz Legali 281 tas-sena 2004 qeghda ssibhom hatja tal-ewwel hames imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u tikkundanna lil kull wiehed minn dawn l-imputati ghal hlas ta' multa ta' sebat elef euro (€7,000).

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti inkwantu ghall-imputat **Antoine Mallia** wara li rat l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, l-artikolu 6(1)(2) tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolament 5 tal-Iskeda IV (parti B) tal-Avviz Legali 281 tas-sena 2004 u l-artikolu 7(a) tal-Avviz

Legali 281 tas-sena 2004 qeghda ssibu hati tal-ewwel, it-tieni, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' sitt elef u seba' mija u hames mitt Euro (€6,750)

Ma ssibx lill-imputati Martin Deguara u lil Emanuel Micallef hatja tal-addebitu tar-recediva u minnu tilliberahom.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lil kull hati jhallas l-ammont ta' €238 rapprezentanti l-hlas tal-esperti nominati.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**